MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2008

Numru 992/2008

Il-Pulizija
(Spettur Paul Bond)

Vs.

Odette Ciantar

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputata detentrici ta’ karta ta’ identita’ numru 317678(M) akkuzata talli:

- fis-7 ta’ Ottubru, 2008 ghall-habta tal-11:00 ta’ filghodu waqt li kienet f’kamra li ggib numru 4414 gewwa l-lukanda maghrufa bhala ‘Topaz’ Triq ic-Caghaq, San Pawl-il Bahar, kkomettiet serq ta’ 600 lira sterlina, liema serq hu aggravat bil-mezz, valur u persuna u dan ghad-dannu ta’ Frances Cambell De La Cour ta’ nazzjonalità Ingliza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputata tammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni insistiet anka wara li l-Qorti taghtha zmien tirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputata ssibha hatja tal-akkuzi kontriha dedotti.

Ikkonsidrat l-fatt li l-ammont ta' flus misruqa gew restitwiti u l-fedina netta taghha.

Rat l-Artikolu 261 (b) (c) (d), 264, 270, 268, 278 (a) (b), 279 (a) tal-Kap 9 u tiddeciedi li tilliberha bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat ghall-perjodu ta' tlett xhur mil-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat lill-imputata r-responsabiltajiet taghha skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------